

Brussell, 22 ta' Lulju 2021
(OR. en)

11014/21

FIN 631	TELECOM 301
ESPACE 75	MI 580
RECH 362	ENER 339
COMPET 566	EMPL 326
IND 207	CSC 289
EU-GNSS 35	CSCGNSS 15
TRANS 488	CSDP/PSDC 397
AVIATION 214	CFSP/PESC 737
MAR 146	

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	13 ta' Lulju 2021
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 07/2021 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "Il-programmi spazjali tal-UE Galileo u Copernicus: is-servizzi ġew varati, iżda l-adozzjoni teħtieġ spinta ulterjuri"

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 07/2021 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "Il-programmi spazjali tal-UE Galileo u Copernicus: is-servizzi ġew varati, iżda l-adozzjoni teħtieġ spinta ulterjuri", adottat mill-Kunsill fit-3808 laqgħa tiegħu li saret fit-13 ta' Lulju 2021.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 07/2021
mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat:**

***"Il-programmi spazjali tal-UE Galileo u Copernicus:
is-servizzi ġew varati, iżda l-adozzjoni tehtieġ spinta ulterjuri"***

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

- A. FILWAQT LI JFAKKAR fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Strateġija Spazjali għall-Ewropa, ippreżentata fis-26 ta' Ottubru 2016¹ u speċjalment l-għan li jiġi sfruttat il-potenzjal tal-programmi spazjali Ewropej billi jiġu massimizzati l-benefiċċji tal-Ispazju għas-Soċjetà u l-ekonomija tal-UE;
- B. FILWAQT LI JFAKKAR li r-Regolament dwar il-Programm Spazjali tal-UE jipprovdi qafas uniku għall-inizjattivi u l-programmi spazjali, filwaqt li jiżgura l-kontinwità tagħhom u jtejjeb is-servizzi li jipprovdu sabiex jinkisbu l-benefiċċji massimi tal-Programm, kif ukoll jissimplifika l-attivitajiet ta' adozzjoni għall-utenti u għas-suq, u l-attivitajiet ta' żvilupp tal-applikazzjoni downstream għall-komponenti kollha tal-Programm; u li s-servizzi ta' Galileo u Copernicus huma operattivi u l-isfruttar u l-użu downstream tagħhom huma importanti biex jintlaħqu l-oġettivi tagħhom;
- C. FILWAQT LI JIRRIKONOXXI li l-awditjar tal-Qorti tal-Awdituri eżamina jekk il-Kummissjoni: (a) żviluppatx strateġija komprensiva u li tħares 'il quddiem għall-promozzjoni tal-adozzjoni tas-servizzi pprovduti mill-programmi spazjali tal-UE, inkluż l-atturi rilevanti kollha; (b) stabbilietx sistemi sodi biex tivvaluta l-benefiċċji pprovduti mill-programmi spazjali tal-UE u timmonitorja il-kisbiet tal-oġettivi strateġiċi; (c) ħaditx azzjoni effettiva biex iżżid l-adozzjoni tas-servizzi; u (d) ħaditx miżuri xierqa lejn il-ħolqien ta' qafas regolatorju, li jappoġġa l-adozzjoni ta' servizzi pprovduti minn Copernicus u Galileo;

¹ Dok. 13758/16.

1. JILQA' r-Rapport Speċjali Nru 07/2021 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "Il-programmi spazjali tal-UE Galileo u Copernicus: is-servizzi ġew varati, iżda l-adozzjoni teħtieġ spinta ulterjuri" u t-tweġibiet tal-Kummissjoni għar-Rapport;
2. JINNOTA li dan huwa l-ewwel awditjar imwettaq mill-Qorti dwar l-effettività tal-miżuri meħuda mill-Kummissjoni biex tippromwovi l-adozzjoni ta' servizzi derivati minn Galileo u Copernicus, lejn il-kisba tal-benefiċċji ekonomiċi u soċjetali mistennija pprovduti minn dawn is-servizzi;
3. JINNOTA li l-orjentazzjoni b'saħħitha lejn il-ħtiġijiet tal-utenti hija raġuni essenzjali għat-tfassil u l-iżvilupp tal-komponenti tal-programm spazjali tal-Unjoni sabiex jiġu stimulati t-tkabbir, il-benefiċċji għas-soċjetà u biex jingħata kontribut għall-implimentazzjoni tal-politiki settorjali tal-Unjoni;
4. JISSOTTOLINJA li l-Qorti eżaminat mill-ġdid l-approċċi u l-azzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni, il-GSA² u l-entitajiet fdati ta' Copernicus fl-appoġġ għall-adozzjoni tas-servizzi pprovduti mill-programmi Galileo u Copernicus, filwaqt li EGNOS u l-użu tas-Servizz Pubbliku Regolat ta' Galileo ġew esklużi mill-ambitu tal-awditjar;
5. JENFASIZZA li l-ambitu tal-awditjar huwa perijodu li jibda mill-2014 sa nofs l-2020 u li matul dan il-perijodu, l-isforz ewlieni tal-Kummissjoni kien li tistabbilixxi l-infrastruttura spazjali u fuq l-art meħtieġa, li hija indispensabbli biex tipprovdi servizzi lil Galileo u Copernicus u b'hekk għall-adozzjoni tagħhom mis-suq u mill-utenti, filwaqt li tippermetti li kemm Galileo kif ukoll Copernicus ikunu operattivi u jipprovdu servizzi lill-utenti, li qed jistabbilixxu standards globali fin-navigazzjoni satellitari u fl-Osservazzjoni tad-Dinja; u JINNOTA li l-attivitajiet tal-adozzjoni mill-utenti ta' Copernicus, li ma kinux parti mill-oġġettivi inizjali tal-programm, bdew wara r-rieżami ta' nofs it-terminu tal-programm;

² Issa sostitwita mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali (EUSPA).

6. JENFASIZZA l-konklużjoni li Galileo u Copernicus jipprovdu servizzi u data siewja, li l-Kummissjoni appoġġat b'mezzi differenti, u li għad hemm bżonn ta' sforzi biex jiġi sfruttat l-investiment sinifikanti li sar biex jinkisbu l-benefiċċji ekonomiċi u soċjetali mistennija u b'hekk jissaħħa is-Suq Intern tal-UE, inkluż il-kompetittività tal-kumpaniji Ewropej, b'mod partikolari l-SMEs u l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja, u biex tiġi indirizzata l-istruttura frammentata tas-swieq għas-servizzi spazjali;
7. JENFASIZZA li l-Unjoni għamlet investimenti sinifikanti fil-programmi spazjali tal-UE u bħala parti mill-Orizzont 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni tal-UE, u li huma meħtieġa aktar sforzi biex jiġu sfruttati l-investimenti sinifikanti li saru biex jinkisbu l-benefiċċji soċjetali u ekonomiċi mistennija, inkluż il-kontribut tas-servizzi u d-data spazjali għat-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi; u li l-Ispazju huwa faċilitatur għal firxa wiesgħa ta' attivitajiet industrijali u teknoloġiċi, innovazzjonijiet u negozji ġodda;
8. JISSOTTOLINJA r-rwol tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali (EUSPA) li ser tkun responsabbli għall-promozzjoni tal-adozzjoni kummerċjali fis-suq ta' Galileo, EGNOS, kif ukoll ta' Copernicus, mingħajr preġudizzju għall-attivitajiet u s-Servizzi ta' Copernicus f'dati f'idejn entitajiet oħra, filwaqt li jiġu sfruttati s-sinerġiji tal-komponenti kollha tal-Programm Spazjali tal-UE;
9. JENFASIZZA li Galileo ser tkun l-ewwel kostellazzjoni GNSS li toffri servizzi avvanzati lill-utent bħal awtentikazzjoni u preċiżjoni għolja; u JIRRIKONOXXI li l-Kummissjoni diġà adottat miżuri regolatorji bħall-eCall, li għandhom jiddaħħlu fis-seħħ biex jiffaċilitaw l-adozzjoni tas-servizzi Galileo fil-qasam tas-sikurezza fit-toroq u l-emerġenza; barra minn hekk, JINNOTA l-eżistenza ta' standards internazzjonali, bħal fil-qasam tal-avjazzjoni, li għalhekk joffru opportunitajiet ġodda biex jinbdew azzjonijiet regolatorji speċifiċi għas-settur li x'aktarx jappoġġaw użu aktar mifrux tas-servizzi Galileo;

10. JINNOTA l-ewwel rakkomandazzjoni tal-Qorti li, sabiex tappoġġa l-adozzjoni ulterjuri tas-servizzi spazjali tal-UE b'mod aktar effettiv, il-Kummissjoni għandha tiżviluppa strateġija komprensiva biex tappoġġa l-adozzjoni tas-servizzi spazjali tal-UE, u għandha tiddefinixxi miri realistiċi u li jistgħu jitkejlu; u JILQA' f'dan ir-rigward li l-Programm Spazjali tal-UE għall-2021-2027 jistabbilixxi għall-ewwel darba qafas għad-data u s-servizzi spazjali kollha tal-Unjoni, li jipprovdi bażi soda għal strateġija komprensiva biex tiġi appoġġata l-adozzjoni tas-servizzi spazjali ta' Galileo u Copernicus, li tinkludi l-atturi u l-entitajiet rilevanti kollha, inkluż il-partijiet ikkonċernati nazzjonali, fil-livelli u r-responsabbiltajiet varji tagħhom b'kont meħud tal-ispeċifikitajiet ta' kull komponent;
11. JINNOTA t-tieni rakkomandazzjoni tal-Qorti li, sabiex jiġu stmati l-benefiċċji ekonomiċi u soċjetali tas-servizzi spazjali, b'mod aktar affidabbli u konsistenti, u biex jiġi mmonitorjat b'mod aktar effettiv l-ilħuq tal-oġġettivi ewlenin, il-Kummissjoni għandha tiżviluppa qafas kunċettwali abbażi ta' metodi sodi u data affidabbli għall-istima tal-benefiċċji tal-programmi spazjali tal-UE u ttejjeb is-sett ta' indikaturi tal-prestazzjoni xierqa; JENFASIZZA d-dispożizzjonijiet minnuxa fir-Regolament tal-Programm Spazjali tal-UE dwar l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-Programm lejn l-oġġettivi tiegħu; JINNOTA li l-GSA³ diġà żviluppat qafas sod għall-istima tal-benefiċċji tal-EGNSS u li għandu jiġi żviluppat qafas kunċettwali futur fuq din il-bażi;

³ Issa sostitwita mill-EUSPA.

12. JINNOTA t-tielet rakkomandazzjoni tal-Qorti li, sabiex tappoġġa aħjar l-adozzjoni u tipprovdi aċċess effiċjenti għad-data u l-prodotti spazjali, il-Kummissjoni għandha tiżgura li Galileo jkun kompletament lest u tiżviluppa, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u atturi rilevanti oħra, qafas fit-tul għal approċċ aktar sostenibbli u integrat ta' aċċess għad-data u l-prodotti ta' Copernicus; JIRRIKONOXXI l-miżuri differenti li diġà qed jittieħdu għall-promozzjoni tal-adozzjoni mis-suq u mill-utenti tas-servizzi ta' Galileo u Copernicus u li l-Kummissjoni diġà wettqet ħafna azzjonijiet immirati, bħar-R&Ż downstream ta' Orizzont 2020, il-programm tal-ENSS Fundamental Elements, il-hackathons ta' Copernicus u Galileo, l-aċċeleraturi, l-inkubaturi, ir-Relays u l-Akkademja ta' Copernicus, is-Servizzi ta' Informazzjoni u ta' Aċċess tad-Data ta' Copernicus (DIAS), fost l-oħrajn, għall-adozzjoni tas-servizzi spazjali tal-UE; u JINKORAĠĠIXXI lill-EUSPA biex tippromwovi attivitajiet marbuta ma' elementi fundamentali ta' Galileo bħala parti mir-Regolament dwar il-Programm Spazjali;
13. JINNOTA r-raba' rakkomandazzjoni tal-Qorti li, sabiex tinkoraġġixxi u tiffaċilita adoxxjoni ulterjuri ta' servizzi taħt il-programmi spazjali tal-UE, il-Kummissjoni għandha tuża aħjar il-qafas regolatorju, inkluż it-tweġġ ta' analiżi fejn il-leġiżlazzjoni jew l-istandards tal-UE jistgħu jippromwovu l-aħjar użu tad-data u l-prodotti ta' Copernicus u jiffaċilitaw l-użu ta' Galileo għal kull segment tas-suq rilevanti; JIEĦU NOTA li l-UE diġà introduċiet miżuri regolatorji li jappoġġaw l-adoxxjoni tas-servizzi spazjali tal-UE għal segmenti ewlenin tas-suq (eż. tagħmir tat-trasport u tar-radju) u li għandha tittieħed azzjoni ulterjuri dwar miżuri ta' standardizzazzjoni; u JIRRIKONOXXI li l-Programm Spazjali tal-UE jagħmel enfasi kbira fuq is-settur downstream, l-adoxxjoni mis-suq u l-isfruttament tad-data spazjali, li ser jippermetti koerenza tal-attivitajiet tal-adoxxjoni mis-suq u mill-utenti tad-data u s-servizzi spazjali kollha;

14. JISSOTTOLINJA r-rwol tal-EUSPA għall-promozzjoni tal-adozzjoni tal-komponenti kollha tal-Programm Spazjali, inkluż l-Għarfien tas-Sitwazzjoni fl-Ispazju (SSA) u l-Komunikazzjoni Governattiva bis-Satellita (GOVSATCOM), u l-potenzjal għall-promozzjoni tal-iżvilupp ta' applikazzjonijiet li jintegraw servizzi u data mill-komponenti differenti, mingħajr preġudizzju għas-servizz u għall-attivitajiet tal-adozzjoni mill-utenti fdati mill-Kummissjoni lill-entitajiet fdati ta' Copernicus; u f'dan il-kuntest, IFAKKAR li l-Kummissjoni u l-EUSPA għandhom irawmu, permezz ta' pjan ta' azzjoni, l-adozzjoni tas-servizzi spazjali u jżidu l-kompetittività tal-industrija spazjali downstream tal-UE⁴;
15. JILQA' l-miżuri diġà fis-seħħ li huma konformi mar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti; u JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-EUSPA biex jagħtu segwitu lil dan ir-rapport fejn hija meħtieġa azzjoni ulterjuri, f'koordinazzjoni mal-atturi rilevanti kif adatt, u biex jinfurmaw lill-Kunsill dwar il-progress li sar fl-implimentazzjoni ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet, abbażi ta' miri u indikaturi tal-prestazzjoni rilevanti.
-

⁴ dok. 9163/21